MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 103/2010

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. “Illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Marzu 1995 u kellhom zewgt itfal- Paulanne li twieledet fid-19 ta' Lulju 1995 u Joseph li twieled fis-16 ta' Gunju 1997.

2. Illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

3. Illi z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabilment tort unikament ta' l-istess konvenut.

4. Illi minkejja li saru tentattiv sabiex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite l-procedura ta' medjazzjoni, l-ftehim milhuq bejn il-partijiet ma giex awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk l-attrici kellha titlob li tigi awotirzzata tiltah din il-kawza permezz ta' rikors ad hoc, liema awtorizazzjoni inghatat.

5. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqastant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti togobghha:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-rninuri Paulanne u Joseph f'idejn l-attrici,

3. Tiffissa access ghall-intimat u tordna li l-access jigi ezercitat taht supervizjoni.

4. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghall-minuri fl-ammont iffissat u skond il-modalitajiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal- Kapitolu 16 in toto jew in parte.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti rnill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra 1-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.”

Rat il-lista tax-xhieda u n-nota ta’ dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut:-

1. “Illi l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-esponenti ma jahti xejn dwar ir-raguni tal-firda;

2. Illi l-esponenti ghandu dritt li jara lit-tfal tieghu u ghalhekk ghandu jkollu access skont il-Ligi;

3. Illi l-esponenti ma jirciviex ebda assistenza socjali minghand il-Gvern u ma jahdimx u ghalhekk ma ghandu ebda introjtu;

4. Illi ma ghandhomx jigu applikati d-disposizzjinijiet ta' l-Artiklu 48, 51,53 u 54 tal-Kap 16 kontra l-esponenti u dan minhabba l-kundizzjoni medika tieghu;

5. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti.”

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat in-nota kongunta tal-partijiet pprezentata fit-28 ta’ Novembru 2012 li permezz taghha elenkaw it-termini tal-ftehim ta’ bejniethom:-

1. “Il-kura u kustodja tal- minuri tigi fdata l-attrici.

2. Il-konvenut ikollu access ghal ulied il-partijiet bi ftehim ma' l-istess minuri stante illi l-kbira ghandha 17-il sena u t-tifel ghandu 15-il sena.

3. Peress illi l-konvenut m'ghandu l-ebda introjtu, huwa m'ghandux ihallas manteniment ghall-minuri, b'dan pero illi hekk kif jibda jippercepixxi introjtu, huwa ghandu jhallas manteniment f'ammont iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

4. M'hemm l-ebda assi formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti.

5. Il-partijiet ilhom `l fuq minn erba' snin separati de facto.

6. Illi m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni."

Rat id-decizzjoni moghtija kontestwalment li permezz taghha giet akkolta t-talba tal-attrici sabiex il-Qorti tqis it-talba ta' separazzjoni bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini ta' l-Artikolu 66F tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

In vista tal-ftehim milhuq mill-partijiet u t-talba taghhom sabiex tali ftehim jigi inkorporat f'sentenza, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex zmien ghaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju ta' bejn il-partijiet.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tafda l-kura u kustodja taz-zewg minuri Pauline u Joseph esklussivament f'idejn l-attrici.

3., Tilqa' parzjalment t-tielet talba attrici billi takkorda lill-konvenut access ghaz-zewg ulied minuri bi ftehim li minn zmien ghal zmien il-konvenut jilhaq maz-zewg minuri stante l-eta' mhux zghira taghhom.

4. Fir-rigward tar-raba' talba attrici, in vista tal-fatt li l-konvenut prezentement m'ghandux impieg, qieghda tordna lill-konvenut illi jekk u meta jsib impieg huwa ghandu jhallas lill-attrici sest (1/6) tas-salarju mensili tieghu ghal kull wild minuri,

5. Tichad il-hames talba attrici in vista tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet.

6. Tilqa' s-sitt talba, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. Tiddikjara wkoll illi m'hemmx assi x'jigu likwidati u divizi bejn il-partijiet kif dikjarat minnhom stess.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------